## DAN HUWA JIEN

*(Mill-Għarbi ta'* HATIM IBN ABDALLAH – *maqluba għall-Malti mill-Franċiż)*

*Ja Mawwija, kull ġid li tatna d-dinja*
*jgħaddi bħal dawk li ġew tard mix-xagħri:*
*jaslu fil-għodu, jitilqu fil-għaxija;*
*tagħhom fi-sahra tibqa' biss tifkira.*

*Qatt aħna, ja Mawwija, ma weġibna*
*lil min ġie jitlob il-għajnuna lilna:*
*"Ibqa' sejjer għal triqtek: aħna wisq fqar*
*biex nagħtu lilek minn dal-ġid li għandna."*

*Ah! meta, ja Mawwija, wara mewti*
*tiġi l-kokka tittajjar madwar qabri,*
*bil-għatx taħt it-trab, ikolli jiena ħdejja*
*dak il-ġid kollu li rekkint jien f'ħajti?*

*Għalhekk jien ġidi kollu rrid inqassmu*
*lil dawk in-nies li jeħtiġuh f'ħajjithom;*
*il-ġuħ taffejtu, u dak il-gozz għana*
*ma jkun jiswieli xejn hemmhekk ħdejn rasi.*

*Għal bosta jiem batejna l-għaks u l-ġuħ,*
*nokorbu taħt il-għajb ta' ħajja fqira;*
*minn dawn iż-żewġt ikwies id-dinja sqietna:*
*qalbna issa trid li ġidna nqassmuh kollu.*

*Nota:* HATIM IBN ABDALLAH mill-qabila ta' TAY. Għax għeluq is-Sitt Seklu. Kien ix-xempju tal-ħajja qadima Għarbija; kien daqshekk magħruf għall-qalb ħanina u ġeneruża tiegħu li wara mewtu x-xewwiela u l-fqar baqgħu jżuru għal żmien twil il-qabar tiegħu fejn kienu jistkennu. Bħala tifkira, ħdejn il-qabar tiegħu, kien inżamm il-kaldarun il-kbir li minnu kien joffri l-ikel lil dawk in-nies li kienu jmorru għandu.

13.IV.1964

A. CREMONA